MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 1/2010

**Pitkali Crates Ltd**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ April, 2010, il-Bord ta’ l-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Fit-12 ta' Gunju 2008, l-appellant **PITKALI CRATES LTD.,** li l-attivita' ekonomika tieghu hija l-provvista ta' "crates" fil-Pitkalija, issottometta l-Formola A ta’ l-Appell kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu 01.12.01 - 31.08.07 ghall-ammont ta' €163,333 minghajr penali amministrattiva u mghax.

Ghan-nom tal-Kumpanija appellanti deher is-Sur Austin Walker, Company Secretary, assistit minn Dr. Antoine Fiott, Avukat. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.

Id-Dipartiment beda biex qal li l-Kumpanija appellanti mhix "public authority" u ghalhekk hija suggetta ghat-taxxa tal-VAT u li ma kellu xejn bil-miktub sabiex jikkontradixxi dan. Ghalhekk huwa mexa mal-Ligi (Att 1998, Artiklu 4) u hareg l-istejjem. Huwa pprezenta dawn id-dokumenti sabiex isahhah l-argument tieghu.

(a) Kopja ta' email datata 24.07.07 mibghuta mis-Sur Austin Walker fejn huwa ta "overview" ta’ l-operazzjonijiet tal-Kumpanija;

(b) Kopja ta' tliet dokumenti li juru kif saru l-pagamenti lill-Kumpanija mid-Dipartiment tat-Tezor;

(c) Kopja ta' ittra datata 07.01.08 minghand il-Kumpanija fejn oggezzjonat ghall-istejjem provozorji datati 4 u 5 ta' Dicembru 2007;

(d) Kopja ta' ittra minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali indirizzata lill-appellant fejn intalab jipprovdi dokumentazzjoni tal-presunt ftehim fir-rigward tal-VAT bejn dan il-Ministeru u dak tal-Finanzi.

L-appellant irribatta dan billi qal li dan il-kaz jinvolvi taxxa li skond id-Dipartiment kellha tithallas mill-Gvern lill-istess Gvern. Il-Kumpanija hija “a non-profit making authority” ghax ix-xoghol taghha hu li tamministra d-drittijiet ta’ hlas specifiku ghas-servizz ta’ “containers” tal-pitkalija. Huwa pprezenta:-

i. Kopja tal-ftehim li sar fil-15 ta’ Gunju 1989 mad-Direttur ta’ l-Agrikolutra u Sajd li jirrigward l-operat tal-Kumpanija;

ii. Kopja tal-Memorandum & Articles tal-Kumpanija

iii. Kopja tal-Att Legali 54/1989 dwar regolamenti ta' hlas li ghandu jsir fil-Pitkalija mill-partijiet koncernati.

L-appellant kompla jghid illi fl-1995 kienu saru xi diskussjonijiet bejn il-partijiet koncernati, izda qatt ma sar ftehim. Huwa qal ukoll illi d-Dipartiment kien hareg xi stejjem lill-bdiewa u wara xi diskussjonijiet dawn kienu gew irtirati.

F'dan l-istadju, il-Bord iddikjara li ghandu informazzjoni bizzejjed sabiex jasal ghal decizjoni u ghalaq is-seduta.

Izda l-ghada, fl-20 ta' Jannar 2010, id-Dipartiment talab li jaghmel sottomissjoni bil-miktub in vista tad-dokumentazzjoni pprezentata mill-appellant waqt is-seduta; il-Bord accetta din it-talba.

Fid-9 ta' Frar 2010 din is-sottomissjoni waslet ghand il-Bord u kopja taghha ntbaghtet lill-appellant, li wiegeb ukoll bil-miktub fit-2 ta' Marzu 2010. Id-Dipartiment wiegeb ghal din is-sottomissjoni fil-25 ta' Marzu 2010. Il-punti saljenti li johorgu minn dawn is-sottomissjonijiet huma dawn :-

A. <u>Id-Dipartiment</u>

1. Li l-Kumpanija appellanti giet mahluqa biex taghti servizz ta' "containers" lill-Pitkaliji bi skop ta' profit.

2. Li dan is-servizz mhux inkluz fl-Iskeda 5 tal-Ligi u ghalhekk la hu ezenti bi kreditu u lanqas ezenti bla kreditu.

3. Li x-"shareholder" mhux il-Gvern u allura l-Kumpanija mhix meqjusa bhala awtorita' pubblika.

4. Li kopja tal-ftehim li l-Kumpanija allegat li kien sar bejn il-Ministeri koncernati ma gietx ipprezentata waqt l-Appell u li anke jekk dan il-ftehem sar dan kien ikun "ultra vires" ghaliex imur kontra l-Ligi.

5. Li ghalhekk is-servizz jirrizulta li huwa taxxabbli.

B. <u>L-appellant</u>

1. Li l-ftehim li sar mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ma kienx ftehim kummercjali izda arrangament biex il-Kumpaniia tassumi xoghol li kien kompitu tad-Dipartiment innifsu.

2. Li d-dritt dovut mill-pitkal kine jithallas lill-Gvern kif jidher mill-Avviz Legali 54 u li dan id-dritt kien jghaddi ("passed on") ghand il-Kumpanija minghajr ebda fattua fiskali sabiex ikopri s-servizz, bil-kundizzjoni li jekk ikun hemm "surplus" dan ikun proprjeta` tal-Gvern.

3. Li minkejjha l-ftehim bejn il-Ministeri ma kienx bil-miktub, l-ezistenza tieghu giet ikkonfermata minn diversi ufficjali tal-Kumpanija waqt l-Appell.

4. Li kuntrarju ghal dak li qal id-Dipartiment, il-Kumpanija kienet "non profit making".

5. Li l-fatt li l-Kumpanija ma tithallasx prezz specifiku ghas-servizz taghha jirrendi l-istess servizz mhux taxxabbli.

Il-Bord wara li qara u sema' dak kollu li kien miktub u li ntqal miz-zewg partijiet wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet:-

1. Li d-Dipartiment kien qed jimxi perfettament mal-Ligi fl-argumenti tieghu.

> 2. Li l-Memorandum of Association tal-Kumpanija tghid specifikament li hija "non profit making".
>
> 3. Li huwa fatt li l-Gvern ma kienx jigbor taxxa tal-VAT minghand il-pitkal u l-bdiewa li jaghmlu uzu mill-"crates", u li dan jidher li sar bi "ftehim" bejn il-Ministeru tal-Finanzi u dak ghall-Izvilupp tal-Produzzjoni kif jidher fl-Avviz Legali 54(1989).
>
> Fid-dawl ta’ dan kollu, il-Bord jidhirlu li l-ispirtu wara l-arrangament bejn il-Ministeri kif ikkwotat fl-Avviz Legali u dak bejn il-Kumpanija u d-Direttur tal-Agrikoltura kien li dan is-servizz jinghata lill-pitkala mill-Gvern innifsu minghajr taxxa u li l-involviment tal-Kumpanija appellanti kien biss bhala agent tal-Gvern li ma xtaqx li jinvolvi ruhu fl-attivita' necessarja. Il-Bord fl-istess hin jiddeplora l-fatt li l-arrangament ma sarx aktar explicitu sabiex jigi eliminat kull dubju u disgwid.
>
> L-Appell ghalhekk huwa accettat.”

Il-Kummissarju appella minn din is-sentenza biex iressaq dawn l-obbjezzjonijiet:-

1. Tezisti konfuzjoni bejn il-parti konsiderativa tas-sentenza u d-decide;

2. Is-sentenza marret kontra s-subartikolu 4 tal-Hames Skeda tal-Kapitolu 406 kif kien fis-sehh fiz-zmenijiet ta’ taxxa in kwestjoni u, ukoll, kontra l-Artikolu 4 (a) ta’ l-istess Kapitolu trattasi li s-socjeta` appellata kienet qed tippresta servizz. Il-Bord messu b’applikazzjoni ta’ l-ahhar imsemmi artikolu ezamina jekk id-dhul kienx taxxabbli jew ezenti taht ir-Raba’ jew il-Hames Skedi skond iz-zmenijiet ta’ taxxa;

3. Id-dikjarazzjoni fil-Memorandum u l-Articles of Association tal-Kumpanija appellata illi hi “*non profit making organisation*” ma tistax teghleb id-disposizzjonijiet tal-ligi fiskali;

4. Il-kumpanija appellata mhix Awtorita` Pubblika, mhix organu kontemplat taht il-Kostituzzjoni u mhix lanqas entita` mwaqqfa b’att tal-Parlament;

5. Il-Bord interpreta hazin il-legislazzjoni sussidjarja fl-Avviz Legali 54 ta’ l-1989;

Il-gravam li s-socjeta` ressqet lill-Bord biex l-istimi jigu kancellati hu fis-sens illi hi ma taghmelx provvisti taxxabbli u s-servizzi taghha m’ghandhomx valur taxxabbli. Skond hi, il-kontribuzzjoni li tircievi mhux prezz ta’ servizz li fuqha tista’ tigi imposta taxxa fuq il-valur mizjud. Il-Kummissarju jirribatti illi l-kumpanija hija inkorporata biex taghti servizz kontra pagament u ghalhekk hi taxxabbli a norma ta’ l-Artikolu 4 (a) tal-Kapitolu 406, anke ghaliex mhix awtorita` pubblika u l-attivita` taghha mhix inkluza fl-ewwel u fit-tieni parti tal-Hames Skeda;

Il-kwestjoni li trid tigi hawn rizoluta ghandha l-fonti taghha f’dawn l-antecedenti:-

(1) Skond Avviz Legali Numru 54 tas-sena 1989 iddahhlu b’effett mill-1 ta’ Gunju 1989 regolamenti dwar “*charges*” li kellhom jithallsu mix-xerrejja, pitkali u bdiewa ghall-uzu ta’ facilitajiet provvduti mid-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura, bil-beneplacitu tal-Ministeru tal-Finanzi, fl-“Agricultural Produce Marketing Centres at Malta and Gozo”;

(2) Bi skrittura ta’ ftehim tal-15 ta’ Gunju 1989 gie appattwit bejn id-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura u l-kumpanija appellata illi din ta’ l-ahhar “*shall be responsible to supply, control, store, handle and distribute the standardised containers approved for use in Agricultural Produce Marketing Centres*”. Ghal din l-attivita` d-Dipartiment kellu ta’ kull xahar jghaddi lill-kumpanija d-dhul tac-*charges* li jkun gabar skond kif prefiss fl-Avviz Legali precitat;

Huwa distingwibbli minn dan premess u mill-atti l-ohra fl-inkartament tal-kaz illi l-punt kontrovers quddiem il-Bord kien limitat ghall-interpretazzjoni jekk l-attivita` tal-kumpanija tirrientrax fil-parametri ta' l-Artikolu 4 (1) (a) tal-Kapitolu 406 ossija l-imposizzjoni u l-gbir tat-taxxa fuq il-valur mizjud "fuq kull provvista ta' oggetti jew servizzi maghmula b'korrispettiv f'Malta fl-1 ta' Jannar, 1999 jew wara din id-data minn persuna taxxabbli waqt li tagixxi bhala tali hlief ghal provvista maghmula minn persuna registrata taht l-Artikolu 11";

Ma jista' jezisti ebda dubju illi aktar minn dak li jghid jew ma jghidx l-Istatut socjali tal-kumpanija appellata, huwa l-arrangament stipulat bejn dik il-kumpanija u d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li ghandu jiddefinixxi n-natura tal-ftehim u l-effetti legali naxxenti minnu anke ghal skopijiet fiskali. Fundamentalment, is-sostanza tieghu u l-iskop ezatt ghal liema gie stipulat;

Fil-hsieb tal-Qorti l-principju superjuri li jispira dak l-arrangament hu fis-sens infraskritt:-

1. Apparti l-funzjoni primarja tal-kumpanija gja aktar 'il fuq esposta, u apparti wkoll id-disposizzjoni kontrattwali illi d-Dipartiment kellu mensilment jghaddi lill-kumpanija l-introjti ricevuti bhala "*fees*" jew "*charges*" minghand ix-xerrejja, pitkali u gabillotti, hu manifest minn stipulazzjonijiet ohra illi d-Dipartiment zamm ghalih kontroll shih fuq dawk l-istess introjti hekk mghoddija lill-kumpanija;

2. Dan hu spjegat mill-fatt illi l-kumpanija kienet tenuta tibghatlu *quarterly returns* manifestanti *inter alia* "*the income and expenditure*" (klawsola 5) kif ukoll ta' kull sena "*audited financial statements*" (klawsola 6);

3. Mhux dan biss pero`. L-istess Dipartiment, tramite d-Direttur tieghu kellu d-dritt "*to inspect the books of accounts and records of the company in connection*

*with the functions specified in Clause 1*" (klawsola 7). Fundamentalment, imbaghad, fil-kaz tal-likwidazzjoni tal-kumpanija jew f'kaz li din ticcessa l-operazzjonijiet taghha ghal raguni kwalsiasi "*the assets of the Company shall be taken over by the Director who shall use these assets to carry out the functions specified in Clause 1*" (klawsola 11);

Huwa evidenti minn dawn il-klawsoli, apprezzati fl-assjem taghhom, illi, apparti l-iffissar tal-kontenut ta' l-obbligazzjoni principali da parte tas-socjeta` appellata bl-ewwel klawsola, fis-sustanza tieghu l-arrangament, meta inkwadrat f'kombinazzjoni ma' l-obbligazzjonijiet jew prestazzjonijiet ohra inkombenti fuq is-socjeta` appellata, ma tantx jidher li ghandu mit-tipi kontrattwali maghrufa. Hekk ad ezempju ma ghandu ebda analogija stretta mal-kuntratt ta' kiri ta' xoghol in kwantu l-korrispettiv, ghalkemm jghaddi fil-patrimonju tas-socjeta` appellata ghall-fini tal-funzjoni primarja u esklussiva taghha, ma jistax jinghad li jikkwalifika ghal wiehed "possidendi" imma merament "detenendi" fl-interess tad-Dipartiment, tant li jekk tavvera ruhha l-kondizzjoni stipulata fi klawsola 11 l-assi tal-kumpanija jghaddu awtomatikament lid-Dipartiment. Dan mhux riljev traskurabbli, kif lanqas ma hu traskurabbli l-fatt illi meta d-Dipartiment jghaddi dawn l-introjti migbura bhala "fees", dan hekk jaghmlu bla ebda fattura ta' taxxa jew ricevuta fiskali. Rettament inkwadrata u interpretata, il-kontrattazzjoni hi pjuttost wahda *sui generis* innominat li m'ghandhiex min-natura negozjali jew kummercjali, kif solitament dixxiplinat mill-Kodicijiet Civili jew Kummercjali. Dan qieghed jigi sottolinejat in kwantu, fuq il-pjan funzjonali, il-kumpanija appellata assumiet li tikkonduci hi l-operat tad-Dipartiment fejn jikkoncerna l-*crates* u z-zamma u distribuzzjoni taghhom, u, fuq il-pjan ekonomiku, l-introjti li d-Dipartiment jghaddi lill-kumpanija qatt ma jsiru taghha. Strettament, allura, l-arrangament hu wiehed ghal vantagg tad-Dipartiment fil-livelli kollha tieghu;

Applikat dan li nghad fil-qafas tal-ligi fiskali *de quo* u, primarjament, fil-parametri ta' l-Artikolu 4 (1) (a), din il-Qorti, bhal Bord qabilha, ma jidhrilhiex illi x-xorta ta' l-arrangament stipulat, li lejh wiehed ghandu per forza u unikament jhares in bazi ghall-volonta tal-kontraenti, jirrientra fl-ipotesi kontemplata fil-predett artikolu skond it-tifsira korretta li ghandha tinzel minn dak l-istess arrangament. Taht dan il-profil mhix accettabbli t-tezi tal-Kummissarju appellant illi l-kontrattazzjoni kienet tabilhaqq, u fl-essenza taghha, wahda ghall-prestazzjoni ta' servizz kontra hlas ta' korrispettiv, u la dan huwa hekk, il-pretensjoni tieghu ghar-rikjam tal-hlas tal-VAT minghand is-socjeta` appellata mhix lanqas guridikament sostenibbli;

Il-kuncett jidher li hu sew spjegat fid-decizjonijiet tal-Qrati Ewropej citati mis-socjeta` appellata fir-risposta ta' l-appell taghha. Dan fis-sens illi l-ftehim negozjali *de quo* bejn il-partijiet kontraenti ma jistax jinghad li hu wiehed bi prestazzjonijiet korrispettivi fejn, f'sens tekniku u guridiku, l-obbligazzjoni l-wahda hi fronteggjata minn ohra.

Ghal motivi kollha suesposti din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mill-Kummissarju appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------